MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Numru 240/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**
**v**

**ALEX SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALEX SPITERI** ta' sebgha w ghoxrin sena, bin Anthony u Teresa nee Falzon, imwieled Pieta nhr l-erbgha ta' Novembru 1977 u residenti 'St. Rita', Triq t-Tlieta w Ghoxrin ta' April, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` numru 542877M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-hmistax ta' Marzu 2005, u matul ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Ipprokura, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda muill-pjanta Canbnabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

b. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kkommetta l-imsemmi reat kriminali fi/jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zaghzagh jew;

c. Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

d. Talli fil-hmistax ta' Marzu 2005 u fl-ghaxar snin ta' qabel din d-data f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat hmistax ta' Marzu 2005 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 9 tal-atti processwali, sabiex din il-kawza tinstemgha quddiem din il-Qorti bhala wahda ta' gudikatura kriminali, kif wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar l-hmistax ta' Marzu 2005 esibita bhala dokument CSH 2 a fol 8 tal-atti processwali.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju w ix-xhieda prodotta mid-difiza.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti nkluz l-process verbal relattiv redatt mill-allura Magistrat Dottor Abigail Lofaro nhar t-tmintax ta' Marzu 2005 esibit a fol 20 et seq tal-atti kif wkoll d-dokument 'S' esibit a fol 77 tal-atti.

Rat l-kontr'ordni tal-Avukat Generali datat d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 [fol 143] mibghut skond l-artikoli 22(2) u 31 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u cioe dik ta' gudikatura kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattata u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-ghaxra ta' Mejju 2006 [fol 145].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2006.

Ikkunsidrat:

**<u>Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Marzu 2005, permezz ta' nota ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti mill-avukat difensur tal-imputat, l-imputat ammetta l-imputatazzjonijiet lilu addebitati b'dan li fil-fehma tieghu, l-akkuza "c" hija mezz ai fini tal-akkuza "a" [fol 38].</u>**

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi.

Illi nonostante din l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ghaddiet biex tisma x-xhieda.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2005 **xehed l-Ispettur Dennis Theuma** [fol 26] fejn qal li fil-hmistax ta' Marzu 2005, ghal habta tas-sebgha ta' filghodu, hu kien

gie nfurmat minn PC 10 Trevor Cassar Mallia, li kienet ghadha kif giet konkluza b'success operazzjoni tal-iskwadra ta' kontra d-droga fil-lokalita ta' Hal Qormi. Qal li fil-fatt, il-gurnata ta' qabel, membri tal-istess skwadra kienu gew infurmati b'mod kunfidenzjali, li certu Alex Spiteri, l-imputat odjern presenti fl-awla, kellu jixtri d-droga minghand persuna li l-identita taghha mhux maghrufa. Fil-fatt, zied jghid x-xhud, apparentement dan l-kuntatt sehh fiz-zona industrijali Tal Handaq, limiti ta' Hal Qormi.

Sussegwentement, l-imputat li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAB 041, hareg miz-zona industrijali imsemmija u saq fid-direzzjoni ta' Triq il-Barakki f'Hal Qormi stess fejn dahal bl-istess vettura go *basement* fl-istess triq w hemmhekk, PS 114 Massimo Persiano assistit minn PS 1086 Johan Micallef, PC 10 Trevor Mallia u PC 1220 Chris Baldacchino, dahlu warajh, waqqfuh u wara tfittxija li saret fil-vettura li kien qed isuq, sabu zewg blokok allegatament raza tal-pjanta Cannabis imgezwra go tape iswed skur li kienu mohbija taht s-*seat* tax-xufier.

Saret wkoll tfittxija fil-garaxx tal-imputat li jinsab fil-*basement* in kwistjoni u dan fil-presenza tieghu stess, liema tfittxija tat rizultat negattiv. Ix-xhud spjega li fuq dan kollu hu nforma lil allura Magistrat tal-Ghassa Dottor Abigail Lofaro li hatret lil ispizjar Godwin Sammut sabiex jeleva u janalizza l-allegata droga u lil PS 239 Joseph Caruana bhala mmbru tal-forensika sabiex jassistiha f'din l-inkjesta.

Sussegwentement l-imputat gie mehud d-Depot tal-Pulizija fejn gie nterrogat fil-presenza ta' PC 1574 Cremona w aktar tard ittehditlu stqarrija fil-presenza ta' PS 368 Monreal, u dan wara li gie moghti s-solita twissija, fejn hu ammetta li dawn iz-zewg blokok li nstabu fil-vettura tieghu, kienu fil-fatt tieghu u kien ghadu kif xtrahom bid-dejn minghand persuna li ma riedx jikxef l-identita taghha.

Ix-xhud kompla jghid li rrizulta li l-piz tal-imsemmija zewg blokok kien ta' 245.8 u 251.5 grammi rispettivament. Spjega li l-imputat, fl-istqarrija li rrilaxxja nhar l-hmistax ta'

Marzu 2005, kien stqarr li hu kien diga xtara blokka ohra minghand l-istess persuna. Stqarr wkoll li d-droga li xtara, parti minnha kienet ghal uzu personali tieghu minhabba li kien ilu snin ipejjep l-*joints* tar-raza tal-pjanta Cannabis u li l-kumplament kien ser ibieghu lil terzi.

Qal li fil-fatt gie wkoll elevat l-mobile tal-marka Panasonic tal-imputat mill-pulizija fejn hemm xi stampi ta’ bicciet ta’ raza tal-pjanta Cannabis imqattghin lesti w mgezwra fil-*foil*, fuq liema zewg ritratti l-imputat ammetta li kien hu li qatta l-istess pjanti ta’ Cannabis, poggiehom u gezwirhom fil-*foil*, filwaqt li zamm ftit ghalih u l-ohrajn biex ibieghhom. Ix-xhud esibixxa l-*mobile phone* u talab lil Qorti sabiex tahtar espert sabiex jaghmel analizi tal-*images* li hemm fih b’referenza ghal zewg *images* partikolari fejn hemm stampi tad-droga lesta ghal bejgh.

Ix-xhud ikkonferma li l-istqarrija markata bhala dokument CSH 1 datata hmistax ta’ Marzu 2005 giet rilaxxjata mill-imputat fil-presenza ta’ PC 1574 Cremona fejn fuqha gharaf kemm il-firma tieghu, dik ta’ PC 1574 Cremona kif wkoll tal-imputat odjern [fol 7]. Ikkonferma wkoll l-istqarrija markata bhala dokument CSH 2 li giet rilaxxjata mill-imputat fil-presenza ta’ PS 268 Monreal fejn fuqha gharaf kemm il-firma tieghu kif wkoll dik ta’ PS 268 Monreal u tal-imputat [fol 8].

Illi nhar s-sittax ta’ Jannar 2006 **rega’ xehed l-Ispettur Dennis Theuma** [fol 128] fejn qal li kien veru li l-imputat kien ikkollobora bis-shih f’din l-investigazzjoni ghajr li ma semmiex l-persuna li kien xtara minghandha. Qal li skond ma qal l-imputat, hu qaghad lura minn dan il-pass ghaliex beza’ mill-persuna koncernata. Ix-xhud spjega li hu ma hassx li l-imputat dakinhar kien qed iwiegeb ghad-domandi li kienu qed isirulu waqt r-rilaxx tal-istqarrija. Mistoqsi jekk il-prezz li semma l-imputat ghal dak li huwa xtara u cioe z-zewg sapuniet fl-ammont ta’ hames mitt lira bhala *wholesale*, hux wiehed reali w ix-xhud wiegeb li mill-esperjenza tieghu, dan il-prezz huwa wiehed reali, ghalkemm jista jvarja.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Marzu 2005 **xehed PS 114 Massimo Persiano** [fol 30] fejn qal li fil-hmistax ta’ Marzu 2005, ghal habta tas-sebgha ta’ filghodu, kellu informazzjoni li l-imputat presenti fl-awla, kellu jigbor xi droga minn Tal Handaq. Qal li fil-fatt, hu u xi pulizija ohra marru fil-vicinanzi ta’ Tal Handaq fi Triq Hal Qormi u raw lil imputat hiereg minn vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FAB 041 tal-marka Mitsubishi pickup, jigbed ghal Triq il-Barakki f’Hal Qormi u jinzel f’*semi basement* fejn hemm l-garaxxijiet. Spjega li hu u shabu nizlu warajh u marru ghal fuqu, fethulu l-bieba tal-karozza u hu hareg minnha. Qal li taht s-*seat* tal-vettura li kien riekeb l-imputat, huma nnutaw xi haga kwadra mgezwra f’tape iswed. Qal li saret tfittxija fil-garaxx tal-imputat li tat rizultat negattiv. Zied jghid li l-imputat gie wara mehud d-Depot.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Marzu 2005 **xehed PC 1220 Chris Baldacchino** [fol 32] fejn qal li fil-hmistax ta’ Marzu 2005, kellu informazzjoni li l-imputat presenti fl-awla, kellu jigbor xi droga minn Tal Handaq. Qal li fil-fatt, hu u xi pulizija ohra marru ghal habta tas-sebgha ta’ filghodu, fil-vicinanzi ta’ Tal Handaq fi Triq Hal Qormi u raw lil imputat isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FAB 041 tal-marka Mitsubishi pickup. Qal li huma segwewh u rawh diehel ghal Triq il-Barakki f’Hal Qormi. Qal li mieghu kien hemm dakinhar PS 114 Massimo Persiano, PS 1086 Johan Micallef u PC 10 Trevor Cassar Mallia. Spjega li hu u shabu ghamlu tfittxija fil-karozza li kien riekeb u taht s-*seat* sabu zewg blokok mgezwra f’tape iswed. Qal li sussegwentement dawn gew mghoddija lil membri tal-forensika li qalulhom aktar tard li kienu Cannabis. Qal li hu ha sehem wkoll fi tfittxija fil-garaxx tal-imputat fi Triq il-Barakki, li tat rizultat negattiv.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Marzu 2005 **xehed PC 10 Trevor Cassar Mallia** [fol 34] fejn qal li fil-hmistax ta’ Marzu 2005, kellu informazzjoni li l-imputat presenti fl-awla, kien ser ikollu fuq il-persuna tieghu xi droga. Qal li huma kienu telghin fi Triq Hal Qormi u raw lil imputat hiereg minn Tal Handaq. Qal li raw lil imputat isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FAB 041 tal-marka Mitsubishi pickup. Qal li huma segwewh u rawh diehel ghal fl-

entratura tal-garaxxijiet u marru ghal fuqu. Spjega li hu u shabu ghamlu tfittxija fil-karozza li kien riekeb u taht s-*seat* sabu blokka mgezwra f'tape. Qal li meta haduha d-Depot u giet miftuha kien hemm zewg sapuniet fiha li kienet suspettata pjanta tal-Cannabis. Qal li f'din l-operazzjoni mieghu kien hemm dakinhar PS 114 Massimo Persiano, PS 1086 Johan Micallef u PC 1220 Chris Baldacchino. Qal li minn fuq il-persuna tal-imputat gie elevat wkoll *mobile phone* li fih kien hemm jidhru zewg ritratti ta' bicciet zghar imqattghin mdawwra bil-*foil*. Meta x-xhud gie muri l-*mobile phone* esibit fl-atti bhala dokument CSH, ix-xhud ikkonferma li dak kien l-istess wiehed li gie elevat minnhom fil-presenza tal-imputat odjern. Qal li hu ha sehem wkoll fi tfittxija fil-garaxx tal-imputat, li tat rizultat negattiv.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2005 **xehed PS 1086 Johan Micallef** [fol 36] fejn qal li fil-hmistax ta' Marzu 2005, ghal habta tas-ssebgha ta' filghodu, kellu nformazzjoni li l-imputat presenti fl-awla, kien ser ikollu fuq il-persuna tieghu xi droga. Qal li huma kienu ghaddejjin minn triq f'Tal Handaq meta raw lil impuat hiereg minn hemmhekk riekeb go vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAB 041 tal-marka Mitsubishi pickup. Qal li huma segwewh u rawh diehel ghal go garaxx *semi basement* fi Triq l-Barakki.

Spjega li hu u pulizija ohra, fosthom PS 114 Massimo Persiano, PS 1086 Johan Micallef u PC 1220 Chris Baldacchino marru fuqu, nizlu w ghamlu tfittxija fuq l-imputat. Qal li minn fuq il-persuna tal-imputat gie elevat wkoll *mobile phone* u taht s-*seat* tal-karozza li kien riekeb l-imputat, sabu blokka mgezwra f'tape. Qal li meta haduha d-Depot u x'hin dawn gew miftuha kien hemm zewg sapuniet fiha li kienet suspettata pjanta tal-Cannabis. Qal li hu ha sehem wkoll fi tfittxija fil-garaxx tal-imputat, li tat rizultat negattiv.

Illi nhar t-tletin ta' Marzu 2005 **xehed l-Ispizjar Godwin Sammut** [fol 42] fejn qal li nhar l-hmistax ta' Marzu 2005, hu kien mar fl-ufficju tal-Ispettur Dennis Theuma fejn gie moghti sustanza speci ta' blokka bit-tape iswed. Qal li fil-

presenza tal-imputat presenti fl-awla, din giet miftuha u fiha kien hemm zewg blokki ta’ lewn kannella. Qal li dak l-hin stess, dejjem fil-presenza tal-imputat, ittiehed il-piz ta’ din s-sustanza li kien fl-ammont komplessiv ta’ 496.8 grammi filwaqt li l-purita taghha kien ta’ 30%. Spjega li wara li tkompla l-analizi fuqhom, instab li s-sustanza kienet tikkontjeni *tetrahydrocannabinol* li hija s-sustanza tal-Cannabis. Ix-xhud ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MNL [fol 44] u esibixxa d-droga in kwistjoni li giet immarkata bhala dokument MNL 2 filwaqt li t-tape li fiha kienu mgezwra gie mmarkat bhala dokument MNL 3.

Illi nhar d-disgha ta’ Dicembru 2005 **rega’ xehed l-Ispizjar Godwin Sammut** [fol 117] fejn qal li l-valur tad-droga li kien ghamel l-analizi fuqha hu wara li gie nominat mill-Qorti, kien ta’ elf sitt mija sitta w hamsin lira maltin. Esibixxa r-relazzjoni tieghu f’dan r-rigward li giet mmarkata bhala dokument ‘R’ [fol 119] w ikkonferma l-konkluzzjonijiet tieghu hemm imsemmija.

Illi nhar s-sittax ta’ Jannar 2006 **rega’ xehed l-Ispizjar Godwin Sammut** [fol 130] fejn qal li fir-relazzjoni li ppresenta fid-disgha ta’ Dicembru 2005 li hija mmarkata bhala dokument ‘R’, li a bazi tieghu hu ghamel l-kalkoli tieghu, jigu pubblikati w imhejji kemm mill-Pulizija kif wkoll mid-Dipartiment tas-Social Workers u xi agenziji li huma koncernati mad-droga. Qal li ma jahsibx li hija kwistjoni ta’ kwalifiki biex jaghmel valur tad-droga. Zied jghid li normalment hu jaghmel l-kalkoli tieghu fuq rapport li johrog lokalment, United Nations Report. Qal li l-problema dwar l-United Nations Report kemm fis-sena 2004 kif wkoll fis-sena 2005 hi li ma kienetx indikata bhala cannabis resin u hu ma setghax jaghmel referenza ghalih. Qal li hu jipproduci l-valur li huwa ndikat fir-rapport. Qal li kien veru li l-prezz tad-droga jvarja. Spjega li hu ghamel referenza biss skond l-Malta Drug Report u ma hax kalkoli tal-*variables*. Qal li d-drug report jaghmel referenza bhala *average* ta’ purita ta’ 30% w ghalhekk l-*average* huwa wiehed l-istess kemm dak tal-imputat kif wkoll dak imsemmi fir-rapport. Qal li hu ma jkunx jaf dwar l-

*availability* tad-droga Cannabis fis-suq. Qal li r-rapport li hu ghamel referenza ghalih huwa rapport ufficjali.

Illi nhar t-tletin ta' Marzu 2005 **xehed PS 239 Joseph Caruana** [fol 66] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument FOTO [fol 62] u dan wara li kien gie nominat mill-allura Magistrat Inkwerenti Dottor Abigail Lofaro fl'inkjesta 'n konnessjoni m'abbuz ta' droga nhar l-hmistax ta' Marzu 2006.

Illi nhar t-tletin ta' Marzu 2005 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 67] fejn qal li hu ghandu sebgha w ghoxrin sena u minn dejjem jahdem fil-gebel. Qal li hu mizzewweg w ghandu tifel ta' disgha snin. Qal li martu tahdem d-Denim Services. Spjega li huma ilhom fid-dar fejn joqghodu minn meta zzewwgu tmien snin ilu. Qal li hu ilu jpejjep l-Cannabis minn mindu kellu erbatax il-sena. Mistoqsi jekk kienx ipejjep l-Cannabis fl-ammonti li semma fl-istqarrija tieghu, ix-xhud wiegeb li kien ipejjep gieli aktar u gieli inqas minn dak l-ammont. Qal li fl-istqarrija tieghu hu kien qal li kien ipejjep tlett sigaretti kuljum w ghamel zmien ipejjep daqshekk, pero wara kien hemm zmien li ghamel sforz biex inaqqas u ghal dawn l-ahhar tlett xhur gie jpejjep tlett sigaretti kuljum. Qal li kien jonfoq madwar erbghin lira fil-gimgha. Qal li kien veru li kien xtara tlett sapuniet, tnejn esibiti l-Qorti u l-ohra minghand bniedem partikolari.

Qal li dan fil-fatt kien qalu fl-istqarrija li rrilaxxja pero dawn t-tlett sapuniet hu kien xtrahom minghand l-istess persuna. Qal li l-ewwel sapuna kien xtraha xahar u nofs qabel m'ghadda biex jixtri z-zewg sapuniet l-ohra. Qal li mill-ewwel sapuna kien diga pejjep. Qal li r-ritratt li hemm fil-*flip* tal-*mobile phone* esibit huma tal-ewwel sapuna li kien xtara minghand persuna li kien iltaqa maghha permezz ta' telefonata. Qal li lil din il-persuna hu kien icemplilha fuq in-numru 99332493 u din il-persuna kienet tmur u tipprovdih bid-droga. Mistoqsi x'kien l-isem ta' din il-persuna, ix-xhud wiegeb li ma jafx jekk kienx il-laqam jew l-isem taghha u cioe 'Rudi' minn Hal Qormi li kien imur wahdu. Mistoqsi jekk din il-persuna kienetx tmur bil-mixi jew bil-karozza, x-xhud wiegeb li gieli mar bil-mixi u gieli

bil-karozza, kienu ltaqghu hdejn il-poliklinika ta’ Hal Qormi fl-ewwel okkazzjoni meta xtara minghandha l-ewwel darba u kien isir minn id ghal id biss x-xoghol.

Qal li fit-tieni okkazzjoni kienu ltaqghu Tal Handaq, meta din il-persuna kienet marret b’karozza kbira tal-marka Mazda ta’ kulur blu.  Spjega li din il-persuna hija hoxna b’xaghraha qasira u samra bi speci ta’ *billy goat* f’wiccha. Qal li jaf lil din r-ragel peress li kien jisma lil terzi jsemmuh w ghandu hutu jahdmu bhalu fil-gebel.  Qal li hutu, wiehed jismu Muri u l-iehor Stjanu.  Qal li dawn t-tnejn ma kellhom xejn x’jaqsmu ma din il-kwistjoni u kien jafhom biss jahdmu fil-lavur.

Mistoqsi kemm hallas flus biex xtara z-zewg blokok, x-xhud wiegeb li kien wasal ghal ftehim ta’ mitejn u hamsin lira maltin kull blokka pero dawn ghadu ma hallashomx peress li qabduh il-pulizija. Qal li barra l-postijiet ta’ hdejn il-poliklinika u Tal Handaq, ma kien hemm ebda post iehor li ltaqghu.  Qal li ibnu fil-present kien ghaddej minn trawma  kemm minhabba din il-kwistjoni li hu ghandu l-Qorti kif wkoll minhabba l-fatt li kienu serqu lil ommu u kien hu li nduna bis-serqa u ma kienx qed johrog mid-dar ghaliex kien jibza li jhebbu ghalih u kien jaghmel zmien twil jiccassa tant li kien hadu ghal terapija.  Qal li ibnu kien jaf li kellu problema tad-droga w ghalhekk ma kienx ihallih johrog bhalu, ma jhallihx jinhasel,  joqghod il-hin kollu ma gembu u ma jhallihx jiccaqlaq.

Illi nhar t-tletin ta’ Marzu 2005 **rega’ xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 79] fejn meta gie muri d-dokument ‘S’ li hu faxxikolu kontenenti tmien ritratti *black & white*, ix-xhud ma setgha jaghraf lil hadd minn dawk l-persuni hemm murija bhala n-nies li semma hu fix-xhieda precedenti tieghu.

Illi nhar s-sitta ta’ Settembru 2005 **xehed PS 659 Jeffrey Hughes** [fol 100] fejn qal li hu kien gie nominat bhala espert tal-impronti digitali b’digriet tas-sittax ta’ Mejju 2005 u kien acceda fir-Registru tal-Qorti fejn kien gie kkonsenjat envelop issiggilat immarkat bhala dokument MNL 3 li kien jikkontjeni diversi bicciet tape ta’ lewn iswed,

bicciet ta’ plastik trasparenti, borza kannella imqatta, zewg bicciet boroz tal-plastik mqatta u xi ftit tape trasparenti. Qal li hu dawn l-oggetti ezaminhom permezz ta’ kimika w inghata rizulta negattiv. Ix-xhud esibixxa r-relazzjoni tieghu f’dan r-rigward li giet mmarkata bhala dokument FSL [fol 102].

Illi nhar d-disgha ta’ Dicembru 2005 **xehed l-Ispizjar Mario Mifsud** [fol 137] fejn ikkonferma li l-prezz ta’ Cannabis fih hafna *variables* fis-suq lokali. Spjega li wiehed minn dawn s-suggetti jiddependi fuq s-*supply* u *demand* tad-droga. Qal li l-prezz ma tantx jinbidel ghaliex tinbidel s-sustanza fis-sens ta’ purita taghha ghax min ikun qed ibiegh, ma jkunx jaf li dak ikun inbidel. Qal li kif jigi stabbilit l-prezz ta’ Cannabis fis-suq ma jigix ivvintat minnhom izda hemm l-istruzzjoni Ewropeja dwar dan li jittiehed l-*lowest price* tal-Cannabis ghal dik is-sena partikolari. Qal li jittiehdu wkoll l-ghola prezz tal-Cannabis kif mibjugha f’dik l-istess sena u jaraw kemm il-kaz sehh dik is-sena u jittiehed l-*average* tad-droga. Kompla jispjega li din is-sistema hija applikata f’hamsa w ghoxrin pajjiz Ewropew kif jigi stabblit l-prezz.

Qal li fil-present, l-importazzjoni ta’ Cannabis resin f’Malta gejja mill-Marokk biss, 57% mid-droga Cannabis gejja mill-Marokk. Qal li l-prezz tal-Cannabis f’Malta jista jkun ivarja fil-prezz ta’ Cannabis minn membru ta’ pajjiz Ewropew iehor ghal istess sena. Mistoqsi minn iforni lil din l-Istituzzjoni dwar il-prezzijiet tal-Cannabis f’Malta ghal sena partikolari, ix-xhud wiegeb li huma jghidu lin-National Focal Point li x-xoghol taghha hu li tigbor informazzjoni minn istituzzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mad-droga hawn Malta minn kull min hu relatat mad-droga. Qal li din taqa taht n-National Abuse of Drug, Alcohol and other Dependencies u din tirrispondi lejn l-Istituzzjoni Ewropeja. Qal li l-ewwel rapport li sar, sar lokalment bl-assistenza ta’ Mr. Bliss li hu Olandinz, li ntbaghat mill-Kummissjoni sabiex jara li x-xoghol li kien qed isir hawnhekk jigi *monitored* minnu w isir tajjeb fis-sens li jara kif tingabar l-istatistika skond r-regoli tal-istess Kummissjoni.

Mistoqsi jekk l-United Nations Report imsemmi mill-espert Godwin Sammut hiex xi haga differenti mill-istituzzjoni Ewropeja li semma hu, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Spjega li l-United Nations tiehu hsieb s-sitwazzjonijiet fil-pajjizi kollha tad-dinja u l-Kummissjoni Ewropeja tiehu hsieb biss dawk il-pajjizi li huma membri tal-istess Kummissjoni.

Qal li huma zewg metodi differenti u bniedem jista jaghzel ghal liema jaghmel referenza. Qal li l-United Nations Report jaghti wkoll il-*wholesale*.

Illi l-imputat, fis-seduta ta’ nhar l-ghaxra ta’ Mejju 2006, u dan wara li kien diga rregistra ammissjoni permezz ta’ nota ppresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Marzu 2005 [fol 38], talab sabiex jithejja *pre sentencing inquiry report* dwaru w il-Qorti laqghet tali talba w innominat ghal dan l-ghan lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta b’digriet taghha ta’ dakinhar stess [fol 145].

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 2006 dehret **s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta** li xehdet [fol 147] w ippresentat u halfet r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument PSIR a fol 149 et seq tal-atti. Hi esibit wkoll rapport mibghut lilha minn Doctor John Zammit Montebello dwar *urine testing* li hadu tal-imputat fit-tnejn w ghoxrin ta’ Gunju 2006 li taha rizultat posittiv ghal presenza ta’ HTC fl-urina tal-imputat.

Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat ammetta maghha l-akkuzi migjuba kontra tieghu u jinsab ferm dispjacut ta’ dak li kellha tghaddi minnu l-familja tieghu minhabba ghemilu. L-imputat kien konxju li l-kaz odjern halla effett negattiv fuq martu w ibnu kif wkoll fuq il-kumplament tal-familja tieghu. Minhabba dan il-kaz, il-familja tieghu ghaddiet minn problemi finanzjarji u dan minhabba t-tul ta’ zmien li l-imputat dam taht *house arrest*, il-piz tal-familja waqa kollu fuq martu pero b’xorti tajba l-imputat sab *support* w ghajnuna kbira minghand l-familjari tieghu. Is-Senior Probation Officer Miriam Sevasta tghid li tul t-thejjija ta’ dan r-rapport kien hemm koperazzjoni

kemm mill-imputat kif wkoll mill-familjari tieghu. L-istess jinghad minn naha tal-pulizija. L-istess ufficjal qalet li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li hu kellu kaz li jirrisali ghas-sena 2000 dwar ksur tar-regolamenti tas-sewqan. Qalet wkoll li l-akkuzi odjerni huma relatati ma pussess u traffikar tad-droga, li l-piena karcerarja ghal dan r-reat hija wahda karcerarja b'mod tassativ, ghal liema reati odjerni hi rrakkomandat piena karcerarja fil-minimu taghha.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2006 **xehed Doctor John Zammit Montebello** [fol 167] fejn qal li kien minnu li hu kien gie mitlub jaghmel xi *urine tests* tal-imputat presenti fl-awla w in segwitu fit-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 2006 l-imputat kien gie riferut lilu mis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta bhala parti mill-PSIR li kienet qed tikkonduci hi. Qal li mill-esami li ghamel fuq l-awrina tieghu rrizultaw tracci ta' THC. Qal li minhabba l-fatt li sa xahrejn u nofs qabel, l-imputat kien ghadu qed jiehu d-droga Cannabis u minhabba n-natura tax-xoghol tieghu u cioe li huwa kien *manual labourer* u l-istatura pjuttost kbira tieghu, hu kien issuggerixxa li l-imputat jaghmel *test* iehor mill-inqas sitt gimghat jew xahrejn wara li effettivament kien ghamel dak t-*test*.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2006 **rega' xehed Doctor John Zammit Montebello** [fol 173] fejn qal li 'n segwitu ghax xhieda li taha nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2006, l-imputat kien rega' tah kampjun iehor tal-awrina tieghu u mit-testijiet li ghamel fuqu, r-risultat kien wiehed negattiv ghal kull presenza ta' kulll tracca ta' droga. Qal li b'dan ried jfisser li hu ghamel test kemm ghal morfina, ghal Kokaina, THC w enfatamini. Ix-xhud esibixxa dokument rilaxxjat minnu nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2006 li gie mmarkat bhala dokument CP [fol 175].

Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-Qorti qabel xejn tirrebadixxi li r-reat ta' traffikar huwa reat serju u jgorr mieghu nvarjabilment piena karcerarja. Dan jghodd wkoll ghal min jqassam d-droga sabiex jikkoltiva ossia jissodisfa l-vizzju tieghu. Persuna li

tiddependi fuq id-droga, ghandha tipprova tikkura ruhha u mhux tittraffika d-droga bi hsara rreparabbli lis-socjeta.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.
Illi f'dan il-kaz il-Qorti toss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin w ghalhekk il-piena li ser tarroga sejra tkun lejn il-minimu taghha, pero mhux ser tapplika l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta w ghalhekk mhux ser tnaqqas il-piena skond din d-disposizzjoni.

Bejn r-reat ta' traffikar u dak ta' pussess jezisti f'dan il-kaz, in-ness tal-mezz ai fini skond l-paragrafu (h) tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk wiehed ghandu jimxi fuq il-piena ghar-reat l-aktar gravi li hu dak ta' traffikar.

Ghal dan r-reat ta' traffikar u r-reat inqas gravi ta' pussess ta' droga, japplika d-disposizzjoni tal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-piena applikabbli ghal dan il-kaz fil-minimu taghha huma s-segwenti:

**Traffikar**:-
minimu sitt xhur - massimu ghaxar snin;

B'zieda ta' grad minhabba l-aggravju [skond l-artikolu 22(2) proviso Kap 101]:-
minimu disgha xhur - massimu tmintax il-xahar.

Il-Qorti  nnutat wkoll li l-imputat m’ghandux jibbenefika mid-disposizzjioni tal-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta ghaliex ma kixifx s-sors minn fejn kien ottjena d-droga w ghalhekk ma thossx li ghandha tkun daqstant klementi mieghu.

Rat ukoll li skond dak li xehed Doctor John Zammit Montebello jidher li l-imputat m’ghadux mahkum mill-problema dwar t-tehid tad-droga w ghalhekk zgur li din il-Qorti tawguralu li jibqa fuq din t-triq t-tajba li qabad pero ma tistax tinsa dak li effettivament gie akkuzat bih u li qed jinstab hati tieghu, u cioe li ttraffika d-droga ghal certu zmien kif effettivament jirrizulta minn ezami tal-istqarrija tieghu rilaxxjata a tempo vergine tal-investigazzjoni.

**Illi ghalhekk <u>l-Qorti</u> wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8(a)(b) u 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, <u>tiddecidi li qed issib lill-imputat ALEX SPITERI hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn [2] mill-lum.</u>**

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facililta Korrettiva ta’ Kordin sabiex jaghtu kull ghajnuna relattiva li talvolta jista jkollu bzonn l-istess imputat.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, <u>il-Qorti</u> tilqa tali talba u <u>tikkundanna lil imputat jhallas</u> l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Ispizjar Godwin Sammut [fol 49], PS 239 Joseph Caruana [fol 65] u PS 659 Jeffrey Hughes [fol 106], <u>fl-ammont komplessiv ta’ tmenin lira u tmienja w tletin centezmu [LM 80,38] u dan fi zmien tlett [3] xhur mil-lum u fin-nuqqas jigu awtomatikament konvertiti f’sittax [16] il-jum prigunerija addizzjonali</u>.**

**Tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga esibita bhala dokument KB 52/05 w ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------